# Is-Surmast Gaetano Grech



**Kitba ta' Daniel Vella**
*- Preżentatur Marċifest Radju Malta*

Wieħed mid-diversi surmastrijiet li mexxew lill-Banda San Ġorġ matul il-mixja tagħha ta' 150 sena ta' storja mużikali kien is-Surmast Gaetano Grech.

Is-Surmast Gaetano Grech twieled l-Isla fid-19 ta' Settembru tas-sena 1855. L-ewwel għalliema tiegħu kienu Ġannpatist Bellizzi, skular ta' F. Hunter u zijuh Ġorġ Fiamingo. Għandhom tgħallem idoqq il-klarinett u l-vjolin. Tkisser fil-kontrapont għand Mro. F. Mallia Cassar, kontrapontista magħruf. Is-Surmast Gaetano Grech kiteb mużika sagra u profana. Fost l-allievi tiegħu nsibu lill-Maġistrat Clo. Parnis, klarinettista konċertista.

Fost Baned Maltin oħra li dderieġa b'kapaċità u b'ħeġġa, insibu li kien Surmast Direttur tal-Baned King's Own u La Valette tal-Belt Valletta, La Vincitrice tal-Isla, Sant'Andrija u l-Unjoni ta' Ħal Luqa, L-Isle Adam tar-Rabat ta' Malta, Duke of Edinburgh (San Lawrenz) tal-Birgu, La Stella tal-Belt Victoria Għawdex kif ukoll tal-Malta Regiment Band.

Dan is-Surmast kiteb bosta xogħlijiet mużikali fosthom insemmi s-Sinfonia *La Figlia del Re Pipino*; din is-Sinfonia ma tagħmilx għajb lill-dawk ta' Hoffmann, Auber, Harold u Suppè. Din is-Sinfonia ġiet esegwita fl-Espożizzjoni Kolonjali ta' Londra.

Is-Surmast Grech kiteb grammatika tal-mużika bil-Malti filwaqt li għax-xogħol letterarju u artistiku tiegħu, is-*Societa di Arti e Manifatture* onoratu b'diploma b'ċekk flok midalja tad-deheb u ħatritu membru ta' kummissjoni mas-Surmastrijiet Antonio Nani u Carlo Fiamingo.

Fl-1890 is-Surmast Gaetano Grech insibuh maħtur bħala Surmast Akkademiku Onorarju taċ-*Circolo Bellini*, Catania, wara li kien ta prova tal-ħila artistika tiegħu fejn kien idderieġa *a prima vista* silta mużika klassika esegwita mill-Banda Muniċipali.

Is-Surmast Gaetano Grech miet wara marda qasira fl-1933.